MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Numru 2/2003

**Il-Pulizija**

(Spettur Joseph Mercieca)

**vs**

**Marlon Parnis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Marlon Parnis ta' 27 sena, iben Emanuel u Agnese nee' Schembri, imwieled Pieta' fl- 24 ta' Settembru 1976 u residenti nru. 5, Triq Hal- Bajjada, Sqaq nru. 3, Rabat, Malta, detenur tal- karta ta' l- identita nru. 12277M.

Talli hu akkuzat illi fl- 24 ta' Lulju, 2002, ghall- habta ta' 4.20 p.m., fil- Bajja ta' l- Ghadira, limiti tal- Mellieha, ikkommetta serq ta' zewg telephones cellulari, tlett "cash point cards" u oggetti ohra ghad- dannu ta' Ian Balzan u Janice Lynn Sant, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li ma jeccedix il- hames mitt lira Maltin (Art. 261 (c) u 267 tal- Kap. 9).

Barra minn hekk akkuzat ukoll illi hu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ sentenzi tal- Qorti tas- 27 ta’ Marzu 1998 u tat- 22 ta’ Mejju 2000.
Rat in- nota tal- Avukat Generali.
Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.
Rat li fis- seduta ta’ llum l- akkuzat ammetta l- akkuzi migjuba kontrih wara li l- Qorti fissritlu xi tfisser ammissjoni u tghatu zmien biex jahsibha dejjem fil-prezenza tal- avukat tieghu.
Rat l- artikoli 261, 267, 49 u 50 tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l- artikolu 22 tal- Kap 446.
Thoss li ghanda taghti lil- akkuzat l- ahhar opportunita biex jirranga hajtu u ghalekk ser tapplika l- ahhar imsemmi artikolu 22 tal- kap 446.
Ghalekk filwaqt li- ssibu hati tilliberah taht il- provediment ta’ l- artikolu 22 tal- Kap 446 tal- ligijiet ta’ Malta b’ dan li ma jghamilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil- llum. Il-Qorti qed tfisser l- import ta’ din is- sentenza lill- hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------